FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN 5 TA’ GUNJU 2000

PULIZIJA

SPETTUR SANDRO ZARB

SPETUR JASON AGIUS

VS

SALEM ABDALLA MOHAMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Salem Abdalla Mohamed, ta’ 22 sena, ta’ nazzjonalita Libjana, iben Abdalla u Nadja xebba Ali, imwieled Tripli fl-24 ta’ dicembru 1977 u detentur ta’ passaport numru 961362 talli f’dawn l-ahhar jiem f’dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Art 5 tal-kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli matul l-istess zmien iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta’ l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta’ proprjeta pubblika, jew li jkunu qeghdin that il-kustodja pubblika jew xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki, ukoll jekk dan sar bl-zu falz tal-ghodda vera bi ksur tal-Art 172 u 176 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli matul dawn l-ahhar xhue minghjar ma inghata permess ta’ resdienza, nizel l-art jew kien malta minghajr permess minghajr l-Ufficjal Principali tal-Immisgrazjoni bi ksur tal-Art 5 tal-kap 217 tal-Ligijiett a’ Malta.

Talli nhar is-26 ta’ Mejju 2000, ghal habta ta’ 3pm gewwa Hal Tarxien, hebb ghal Tahar Trabelsi u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa, skond kif ccertifika Dr D Balzan MD tac-centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid, bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-Pubbliku b’ghajjat u glied bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb ghal Tahar Trabelsi sabiex jingurjah, idejjqu, jew jaghmillu hsara bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-sitesss data, lok u cirkostanzi insulenta u hedded lil Tahar Trabelsi bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputati hatja skond l-akkuza;

Rat Art 5 kap 61, 172 u 176, 221(1), 338(dd) u 339(d) u (e) kap 9, Art 5, 14 u 15 kap 217, Art 9 kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre tiddikjara lil Salem Abdalla Mohammed bhala immigrant ipprojbit u tordna it-tkeccija tieghu min dawn il-gzejjer.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

A/DEP REG.